## Qorti tal-Magistrati (Malta)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Spettur Charlotte Curmi**

**Vs**

**Robert Azzopardi**

**Kawza: Kollizzjonijiet**

**Illum: 23 ta' Ottubru 2023.**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Robert Azzopardi bin Ronald u Mary Margaret nee Camilleri mwieled Pieta' fil-11/5/1985 u joqghod 1 Triq it-Torri Mosta ID 258085(M) akkuzat talli fl-24 ta April 2018 ghall-habta ta' 06:30 hrs fi Triq in-Naxxar Birkirkara soqt il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBB269.

1. U b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku involontarjament ikkagunajt offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Paul Callejja liema offizi gabu l-konsegwenzi imsemmija fl-Artikolu 218 tal- Kap  kif iccertifika Dr Andrea Fenech MD minn MDH;
2. U aktar meta b' b'nuqqas ta' hsieb , bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku involontarjament ikkagunajt hruq jew ghamilt xi hsara jew gharraqt xi haga cioe vettura nru HAT 989 ghad-dannu ta' Paul Calleja;

Il-prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat l-artikoli 226 u 338(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet l-imputat.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezibiti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**<u>Paul Calleja xehed hekk:</u>**

Avu: Mela sur Calleja spjega naqra dak in-nhar tal-incident x`gara fejn kont u x`wassal?

Xhud: Kont niezel bil-vann tieghi ghax-xoghol min-Naxxar road B`Kara u kien tielgha trakk kontrijja u nfethitlu il-bieba u qabadni bil-vann b`kollox kaxkarni mieghu, kaxkarli l-vann u qabadli idi.

Qorti: Inti fiex kont?

Xhud: Gol-vann tieghi jien kont niezel.

Qorti: Allura kif qabadlek idek?

Xhud: Ghax il-vann inqatawlu ... steering.

Qorti: Trid tghidli sinjur ma kontx hemm jien uu, mela carratlek il-vann u billi carratlek il-vann qabdlek idek?

Xhud: Qabadli idi fuq l-isteering igifieir jien tbaxxejt ghax kieku mejjet mhux quddiemek illum.

Avu: Imma spjega naqra kif kont inti fejn kont?

Xhud: Gol-vann tieghi kont niezel ghax-xoghol jiena fil-5.30 ta` filghodu.

Qorti: Ghandna skecc? Le m`hawnx, x`gara iktar, infethitlu il-bieba qed tghid inti?

Xhud: Infethitlu il-bieba tat-trakk ghax waqalu il-lock.

Avu: Issa ikkonferma wahda in-number plate jekk jogghbok?

Xhud: Tieghi? ilu 5 snin.

Qorti: Fejn kien l-incident ghedtli?

Xhud: Naxxar road B`Kara.

Qorti: U tafha id-data?

Xhud: Insejt issa f`April fl-18 minghalija kien.

Avu: Inti qed taraf l-imputat fl-awla?

Qorti: Dottoressa ma tistax issaqsieh jarafx l-imputat fl-awla ta it is extremely direct question li bhala prosekuzzjoni ma tistax taghmel.

Avu: Issa inti spjega naqra wara l-incident x`danni ikkagunajt jekk jogghbok?

Xhud: Umbaghad haduni l-isptar gew ghalija bl-ambulanza operawni u ghamilt 3 xhur recovery.

Avu: Ehe u x`danni ikkagunajt imma x`kellek hsarat?

Xhud: Il-vann total loss.

Avu: Apparti l-vann damage?

Xhud: F`idi hawn u ghandi disable 2.5 disable u ma nistax nahdem normali kif kont nahdem qabel.

Avu: Mela inti ghedtilna li ikkagunajt danni issa kien hemm xi involviment ta terzi persuni?

Qorti: Waral-incident x`gara?

Xhud: Spiccajt mort gahnd l-insurance tieghi,

Qorti: Le qed tghdili lidawn it-3 xhur ma tistax tahdem hux hekk?

Xhud: Iva.

Qorti: Issa kellek danni fil-vettura ghandna dokumentazzjoni fuq danni fil-vettura x`imkien?

Xhud: Suppost kollox tajthom.

Qorti: Tajthom lil pulizija?

Xhud: Ijja.

Avu: Issa l-ahhar mistoqsija sinjura dawn id-danni gew indirizzati?

Qorti: Dottoressa jien m`ghandi ebda prova ta` danni mhux imbilli qed jghid li ghandu id-danni.

Avu: Mela itni taf xi spejjez kien hemm sewwa spjega naqra din gahdha pendenti il-kwistjoni habba d-danni?

Xhud: Certu affarijiet mal-isurance umbaghad gejt hawnekk habba l-problema tal-pulizija.

Avu: Xejn iktar mix-xhud.

Qorti: Kontro Ezami.

Avu2: Ara sinjur tista tghidilna x`tahdem jekk jogghbok jew dak iz-zmien x`kont tahdem?

Xhud: Construction.

Avu2: Inti lis-sur Robert Azzopardi kont tafu dak in-nhar tal-incident qabel?

Xhud: Lir-Robert ili nafu jiena.

Avu2: U jekk ikolli nissugerilek li jumejn wara l-incident is-sur Azzopardi fuq l-istess rak tahdem fuq l-ghan tax-xoghol?

Xhud: Mhux veru.

Avu2: U jekk nissugerilek li iltqajtu is-Sur Azzopardi waqafu tkellem mieghek u inti kont xoghol jumejn fuq l-incident tiftakkru dan?

Xhud: Mhux veru.

Avu2: Ma tiftakkrux.

Xhud: Ghmailt 3 ijiem l-isptar biss biss.

Avu2: Jekk ikolli nissugerilek illi mhux veru ghamilt 3 xhur konvalexxenza kif qwed tghid inti pero inti dhalt ghax xoghol ftit jiem wara tikkonfermah dan?

Xhud: Wara 3 xhur ezatt dhalt ghax xoghol.

**<u>Robert Azzopardi xehed hekk:</u>**

Avu: Ara sur Azzopardi inti smajt lil parte civile u jispjega spjega naqra il-Qorti dan it-trakk li kont qed issuq int xi trakk hu ha nibdew minn hemm?

Xhud: Trakk li ingorr l-affarijiet tal-Construction bih.

Avu: Trakk tal-gebel nghidlu jien?

Xhud: Tal-gebel ezatt.

Avu: Issa tista tispjega ukoll infethet xi bieba x`bieba infethet u kif infethet?

Xhud: Infethet billi tqaccat pin u din bieba ta` wara sewwa il-bieba ta` wara imma kienet imdawwra fil-genb u tqaccat pin kien hemm xebgha skossi fejn l-Smart B`Kara u tbexqet propja mhux infethet gahx hi ma tistax tinfetah iktar minn 35 cms qisghu.

Avu: Spjegali x`ma tistax ghax ghandha?

Xhud: Ghax ghandha safety pins ohra.

Avu: Igifieri din mhux infethet kompletament kollha kemm hi?

Xhud: Le le le ma tistax tinfetah kompletament.

Avu: Ittmejlet naqra?

Xhud: Tbexqet propja imma t-triq,

Qorti: L-iehor kien fin-naha tieghu tat-triq jew le?

Xhud: L-iehor kien gej.

Qorti: Kien fuq is-side tieghu?

Xhud: Ijja ijja.

Qorti: Allura meta inbexqet giet fuq is-side tieghu?

Xhud: Ma tantx kellu fejn immur ghax it-triq, ma tantx hi.

Avu: Issa din il-pin umbaghad il-pulizija qalu fl-affidavit li sabuha?

Xhud: Jiensibtha gahx aqqas bdew jifhmuni xi tqaccat u ma tqaccatx umbaghad ghax hu fejn il-BOV umbaghad mort fejn l-Smart u sibtu jien il-pin.

Avu: Igifieri il-pin kien hemm inti ghamiltu fil-bidu tal-vjagg?

Xhud: Eqq mela mela.

Avu: Issa spjega lil Qorti dan it-trakk biex tihu hsiebu x`taghmlulu?

Xhud: Allahares nismghalu hoss ghax dan naqla lira bih jien u nahdem bih.

Avu: Igifieri jekk tismghalu hoss x`taghmel?

Xhud: Nigri ghand il-mekkaniks u l`hemm u l`hawn uu.

Qorti: Igifieri ha jezebili xi dokumentazzjoni minghand mekkanik li jmur regolarment ghandu biex jaghmel upkit dottoressa?

Avu: Sinjura ha nuru ritratt tat-trakk, it-trakk minnu innifsu diga jidher,

Qorti: Meta kien ittiehed dak ir-ritratt?

Xhud: Dak iz-zmien.

Qorti: Qed nitkellmu mit-2019 ta dotoressa?

Avu: L-istess trakk se mai illum izjed qadim jekk hadu illum ha jezebih sinjura DOK A.

Pros: Min hadu dar-ritratt sinjur?

Xhud: Jiena.

Qorti: Meta ittiehed?

Xhud: Ftit wara l-accident li gara.

Pros: U min hemm li qieghed isuqu sinjur?

Xhud: Xufier li jahdem mieghi dan.

Avu: Jien m`ghandix domandi iktar.

Avu2: Inti dak in-nhar tal-incident waqaft fuq il-post>

Xhud: Mela waqaft u ghentu lilu.

Avu2: Igifieri hu intlaqat minn xi haga?

Xhud: Hu li naf jien kellu hgiega hawn f`idu umbaghad kelli xi xugaman u ghentu jinfaxxa idu u li waqalu fil-vann gbartlu kollox.

Avu: Konsegwenza li hu sofra dan li qed tghidlna biex intlaqat hu?

Xhud: Kull ma dahtlitlu hgiega go idu biss.

Avu2: Le le imma x`ikkawza biex il-hgiega tidhol f`idu itlaqtet il-windscreen b`xi haga?

Xhud: Xi haga b`tal-windscreen.

Avu2: U biex intlaqtet il-windscreen?

Xhud: Inkissret mal-bieba.

Avu2: Bil-bieba tat-trakk?

Xhud: Mela mela.

Avu2: Xejn iktar mix-xhud.

Avu: U x`kien qed isuq il-parte civile?

Xhud: Toyota vann mhux kbir bhal dan imma naqra izaghar.

Avu: Pero tipo ta` trakk mhux karozza baxxa?

Xhud: Ijja ijja.

**T-Tabib Andrea Luca Fenech** xehed permezz ta' affidavit Dok A dwar Paul Calleja.

**WPS 301 L Vella** xehdet permezz ta' affidavit dwar l-involviment taghha fil-kas.

**Ikkunsidrat**

Illi d-dinamika tal-incident hu car u jirrizulta kemm mix-xhieda ta' Paul Calleja lkif ukoll mix-xhieda l-imputat. Cioe li ghal xi raguni bieba fil-vettura misjuqa mill-imputat IBB269 infethet ghal minn fejn kien ghaddej Paul Calleja bil- vettura HAT 989.

Rigwardanti l-ewwel imputazzjoni, din tinkwadra ruha taht l-artikolu 218 tal-Kap 9. F'dok A affidavit tat-Tabib Andrea Fenech hemm imnizzel biss "gravi". Paul Calleja stqarr li kellhu griehi permanenti fix-xhieda tieghu izda ma gab l-ebda prova ulterjuri dwar dan. Din l-imputazzjoni bhekk ma tirrizultax stante li ma hemmx provi fil-livell rikjest fil-kamp kriminali.

Rigwardanti t-tieni imputazzjoni ma hemm l-ebda provi rigwardanti hsara fil-vettura HAT 989 u din l-imputazzjoni ukoll ma tirrizultax.

**Decide**

Għaldaqstant ma ssibx lil Robert Azzopardi ħati ta' ebda waħda mill-imputazzjonijiet u qiegħda konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**